**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 8 t' Awissu, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**-vs-**

**Frank Schembri, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 494296M.**

**Kumpilazzjoni 317/2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Frank Schembri u ċioè talli:

B'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizuluzzjoni wahda u cioe:-

1. Talli nhar it-13 ta' Lulju, 2017, minn gewwa l-istabbiliment '*Roseberry*' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, ikkommetta serq semplici ta' fwieha tal-marka '*D&G*' ghad-detriment ta' Danilo Antonino Monforte u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli nhar it-22 ta' Lulju, 2017, minn gewwa l-istabbiliment '*Roseberry*' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, ikkommetta serq semplici ta' fwejjah

tal-marka '*Angel*', '*San Anton*' u '*Mare di Malta*', ghad-detriment ta' Danilo Antonino Monforte u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll talli nhar l-24 ta' Lulju, 2017, minn gewwa l-istabbiliment '*Roseberry*' li jinsab fi Triq ir-Repubbilka, il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' fwejjah tal-marka '*Lacoste*', *Mare di Malta*' u '*Intense*', ghad-detriment ta' Danilo Antonino Monforte u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli nhar it-28 ta' Lulju 2017 minn gewwa l-istabbiliment '*Roseberry*' li jinsab fi Triq ir-Repubbblika, il-Belt Valletta, ikkommetta serq semplici ta' fwejjah tal-marka 'Lacoste' ghad-detriment ta' Danilo Antonino Monforte u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

6. U aktar talli ghamel reat ta' natura volontarja waqt il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata mghotijja fl-14 ta' Marzu 2017 mill-Magistrat Dr. D. Frendo Dimech LL.D.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, l-ammissjoni tal-imputat, il-fedina penali tieghu li xejn mhi wahda li taghti serhan ta' mohhhija wahda li toffri serhan ta' mohh ghall-Qorti, u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li dan il-guvnott imbarka fuq hajja kriminuza anke minhabba l-kundizzjonijiet socjali li spicca' fihom fejn dan m'ghandhux fejn jghix.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261(c), 267, 279(a) u 284 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal <u>tnax il-xahar prigunerija</u>.

In oltre, a tenur tal-Artikoli 21 u u 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat instab hati tas-sitt, u cioe li wettaq reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation tal-14 ta' Marzu, 2017, maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm giet dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet. Ghalhekk wara li rat l-artikolu 221 u 222(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal prigunerija ghal <u>perjodu ulterjuri ta' xahar prigunerija</u>.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u ghal dan il-ghan ghandhu minnufih jibda programm residenzjali.

Il-Qorti tordna li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Tordna ukoll li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lil Onor. Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali u lis-Segretarju Parlamentari

għall-Akkomodazzjoni Soċjali, bil-ghan li jkun hemm gharfien tas-sitwazzjoni tal-hati sabiex id-diffikultajiet tal-istess hati potenzjalment jigu ndirizzati.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**